MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 49/2007

**Louay Ramadan Wahba Mabrouk**

**vs**

**l-Onorevoli Vici Prim' Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u d-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates u l-Avukat Generali**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta illi:

1. Premess illi r-rikorrenti Louay Ramadan Wahba Mabrouk izzewweg civilment lil Miriam Psaila, cittadina Maltija fit-18 ta' Novembru 1993 u bir-rit kattoliku fis-26 ta' Frar 1994; b'konsegwenza ta' dan iz-zwieg gie registrat bhala cittadin ta' Malta fid-19 ta' April, 1994;

2. U billi ghalhekk ir-rikorrenti tilef ic-cittadinanza originali tieghu, Egizzjana;

3. U billi minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu tifel Luke Ramadan li twieled f'Dicembru tas-sena 1994 li huwa cittadin Malti;

4. U billi wara diversi snin mizzewgin iz-zwieg tar-rikorrenti sfaxxa rrimedjabilment u iktar minn hekk gie annullat skond sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 1998; wara liema l-esponenti baqa' jghix Malta bhala cittadin Malti minghajr ebda xkiel;

5. U billi fit-30 ta' Gunju 2003 ir-rikorrenti zzewweg lil Vitalina Askenova, persuna b'cittadinanza Russa u ghalhekk applika biex martu takkwista *exempt person status,* liema stat gie moghti;

6. U billi minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu zewgt itfal Romeo u Leo li twieldu Malta f'Jannar 2004 u Novembru 2005 rispettivament u ghalhekk ghandhom cittadinanza Maltija u huma forniti b'passaport Malti u huma Maltin mit-twelid taghhom;

7. U billi fis-sena 2006 inbdew proceduri biex inezzghu lill-esponenti mic-cittadinanza Maltija tieghu;

8. U billi l-Ministru kompetenti nnomina a tenur tal-ligi Kumitat ta' Nkjesta biex jirraporta dwar il-kaz tar-rikorrent;

9. U billi wara li nghalqu l-proceduri quddiem dan il-kumitat minghajr mar-rikorrent ma gie nfurmat bl-ebda mod dwar ir-rizultanzi ta' l-istess kumitat huwa rcieva ittra mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Expatriates fit-2 ta' Awissu 2007 fejn ikkonferma illi l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern ta' ordni li r-rikorrenti

ghandu jigi mnezzgha mic-cittadinanza Maltija tieghu mmedjatament;

10. U billi r-rikorrent fil-fatt kien ghamel il-hajja tieghu u l-familja tieghu kollha f'Malta tant li ghandu tlett itfal b'cittadinanza Maltija, u ilu jghix Malta ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena;

11. U billi fil-proceduri ghat-tnehhija tac-cittadinanza tieghu r-rikorrent ma nghatax smigh xieraq minn tribunal imparzjali u ndipendenti kif trid il-ligi u lanqas inghata access ghall-Qorti fid-determinazzjoni tad-dritt tieghu tac-cittadinanza;

12. U billi fi kwalsiasi kaz ma kienux jirrikorru c-cirkostanzi f'liema huwa jista' jigi mnezzgha mic-cittadinanza tieghu billi l-ghoti ta' dik ic-cittadinanza kienet regolata mill-ligi kif kienet *in vigore* fis-sena 1994, f'data liema huwa nghata dik ic-cittadinanza u mhux mill-ligijiet posterjuri;

13. U billi in realta' mhux minnu li huwa ottjena l-istess cittadinanza bi frodi billi ghalkemm huwa minnu li z-zwieg tieghu ma' Psaila kien gie dikjarat null huwa evidenti li mic-cirkostanzi ta' dan iz-zwieg tali zwieg ma kienx zwieg ta' konvenjenza u kien zwieg fis-sens shih tal-kelma tant li kellu tifel minn dak iz-zwieg u zzewweg skond ir-religjon kattolika;

14. U billi dan l-agir jammonta ghall-ksur ta' l-Artiklu 6 u kif ukoll ta' l-Artiklu 8 u tal-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem; u kif ukoll ta' l-Artikli rispettivi li jipprotegu l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u dan peress li huwa qieghed jigi mcahhad mic-cittadinanza Maltija tieghu u mid-dritt tar-residenza f'Malta meta t-tlett itfal tieghu huma kollha cittadini ta' Malta, u ta' Malta biss u jirrisjedu f'Malta u huwa maghhom u ma' l-ahhar mara tieghu li huwa jifforma familja. Id-deprivazzjoni tieghu mic-cittadinanza ser ikollha konsegwenzi serji fuq id-dritt tieghu li jkompli jzomm il-familja li huwa ghandu llum;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara illi bil-fatti fuq esposti huwa sofra vjolazzjoni serja tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti skond l-Artiklu 6 u kif ukoll l-Artiklu 8 u l-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem; u kif ukoll ta' l-Artikli rispettivi li jipprotegu l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta; u ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti taghtih dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni fosthom li tannulla u thassar l-ordni tal-Ministru fuq imsemmi tal-31 ta' Lulju 2007 b'liema hu gie deprivat mic-cittadinanza tieghu u b'hekk taghtih kull rimedju xieraq u opportun ghal din il-vjolazzjoni li huwa sofra.

L-esponenti noltre jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha, minhabba ragunijiet ta' privatezza fl-interess anke tal-minorenni li jigu wlied ir-rikorrent, tordna u tistabilixxi divjet fuq il-pubblikazzjoni ta' dawn il-proceduri.

Rat ir-**risposta tal-intimati** a fol. 12 tal-process fejn issottomettew:

Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza ta' persuni ma tiffigurax fil-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Avukat Generali li konsegwentement mhuwiex il-legittmu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrent u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju oltre l-fatt li a tenur tal-Artiklu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-intimati l-ohra jistghu adegwatament jirrispondu ghat-talbiet tar-rikorrent;

Illi noltre u bla pregudizzju ghas-suespost l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-agir tal-esponenti fil-konfront tar-rikorrenti huwa wiehed ghal kollox legittmu. Id-decizjoni mehuda mill-esponenti hija wahda fit-termini tal-Kap. 188 tal-Ligijiet ta' Malta u wara decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla fis-16 ta' Jannar 1998 li ddikjarat iz-zwieg bejn ir-rikorrent u Miriam Psaila bhala wiehed null u bla effett legali wara li rrizulta li l-unika raguni ghala r-rikorrent

izzewweg kien sabiex jkun jista' jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza Maltija.

**<u>Ebda Ksur tal-Artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni</u>**

Illi **in linea preliminari** dawn l-Artikli huma napplikabbli stante li materja li tirrigwarda ghoti jew tnehhija ta' cittadinanza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala 'dritt jew obbligu civili' ghall-finijiet tal-istess Artikli kif jirrizulta ampjament mill-gurisprudenza kemm nostrali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi **in linea preliminari** dawn l-Artikli huma wkoll inapplikabbli stante illi l-Kumitat ta' Nkjesta mhuwiex la Qorti u lanqas Awtorita' gudikanti, imma sempliciment Kumitat li jaghmel rakkomandazzjonijiet lill-esponent Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern wara li jkun sema' lill-partijiet koncernati. Id-decizjoni finali dwar kull kaz hija tal-esponent Ministru li jista' jaghzel li jaccetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz l-esponenti ma jistghu jitqiesu li kisru ebda dritt ghall-smigh xieraq tar-rikorrent. Il-fatt li l-proceduri ghat-tnehhija tac-cittadinanza saru quddiem Kumitat ta' Nkjesta u mhux quddiem Qorti jew Tribunal ma jikkostitwixxi ebda lezjoni ta' drittijiet fondamentali stante li fl-ewwel lok il-Kumitat ta' Nkjesta huwa mwaqqaf b'ligi u ghandu diversi setghat, drittijiet jew privileggi ta' qorti.

Illi fit-tieni lok il-kuncett ta' smigh xieraq jiddependi mill-*iter* processwali adoperat fil-kuntest tal-persuna in kwistjoni u cioe' smigh fil-prezenza tieghu *equality of arms* ecc. Ma saret ebda allegazzjoni sostanzjata mir-rikorrent f'dan is-sens oltre l-fatt li jirrizulta b'mod inekwivoku li fil-kors tal-inkjesta quddiem il-kumitat ir-rikorrent kellu kull opportunita' li fost affarijiet ohra jressaq ix-xhieda tieghu u jaghmel is-sottomissjonijiet li dehrulu xierqa.

Illi in vista tas-suespost m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

**<u>Ebda Ksur tal-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

Illi **in linea preliminari** in kwantu r-rikorrent qed jilmenta li bit-tnehhija tac-cittadinanza Maltija huwa se jsofri ksur ta' drittijiet taht l-Artiklu 8, jigi rilevat illi l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza mhuwiex dritt li johrog mill-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk l-Artiklu 8 tal-Konvenzjoni ma jistax jigi nvokat ghall-kaz odjern.

Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost jigi eccepit li l-obbligu ta' l-Istat huwa li jirrispetta d-dritt ghall-hajja familjari u mhux li jikkoncedi d-dritt lil xi persuna li tistabilixxi jew li tkompli hajja familjari f'gurisdizzjoni partikolari jew li tinghata/zzomm cittadinanza tal-Istat in kwistjoni.

Illi l-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma tipprotegi d-dritt ta' persuna li tghix fi Stat Membru partikolari. B'hekk ir-rikorrent m'ghandu ebda raguni valida taht il-Konvenzjoni sabiex jippretendi dritt ta' '*family life*' hawn Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrent jista' japplika mill-Awtoritajiet kompetenti biex jigi konsidrat ghall-ghoti ta' permess ta' residenza f'Malta flimkien mal-familja tieghu.

Illi in vista tas-suespost m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artiklu.

**<u>Ebda Ksur tal-Artiklu 14 u tal-Artiklu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>**

Illi minkejja li r-rikorrent qed jallega illi huwa sofra ksur ta' drittijiet fondamentali tieghu a tenur ta' dawn l-Artikli huwa ma ressaq ebda allegazzjoni jew ilment f'dan is-sens.

Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti jichdu kategorikament illi huma trattaw lir-rikorrent b'mod diskriminatorju u ghalhekk

din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrent fuq dawn l-Artikli.

Illi fid-dawl tas-suespost l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tar-r-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet tal-bidu**

Illi skond verbal tal-20 ta' Awissu 2007 il-kawza thalliet ghan-noti u ghall eventwali sentenza dwar l-eccezzjonijiet preliminari ta' l-intimati dwar l-applikabilita' o meno ta' l-Artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikoli korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi kif jinnota r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-Qorti trid f'dan l-istadju tiddeciedi biss il-kwistjoni ta' l-applikabilita' o meno ta' l-artikoli relattivi 6 u 8 u jekk ikun il-kaz l-artikolu 14, u mhux jekk il-vjolazzjonijiet protetti minn dawk l-artikoli jsehhilhomx jigu provati jew le. Il-Qorti tirrileva li, kif anke gie osservat fin-nota tar-rikorrent, dawn l-artikoli ma jistghux jigu ezaminati *in vacuo* (imma wiehed irid imur il boghod milli semplicement ihokk il-wicc tal-punti legali in kwistjoni) u dana b'ezami tal-fatti determinanti tal-kaz kif se jigu riportati aktar il-quddiem.

Il-Qorti dejjem trid tiddeciedi fuq dak li qed jintalab fir-rikors promutur. F'dan il-kaz ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti thassar l-ordni tal-Vici Prim Ministru tal-31 ta' Lulju 2007 li bih ir-rikorrent gie deprivat mic-cittadinanza Maltija tieghu, billi b'hekk, qed jallega, li nkisru d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli 6, 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikoli korrispondenti tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

F'dan il-kaz ir-rikorrent qed jitlob li tithassar l-ordni li bih gie deprivat mic-cittadinanza Maltija, u mhux li ma jigiex deportat. Fir-risposta tieghu nfatti l-intimati qed jghidu li r-

rikorrent dejjem jista’ japplika mal-Awtoritajiet kompetenti biex jigi konsidrat ghall-ghoti ta’ permess ta’ residenza f’Malta flimkien mal-familja tieghu.

**Lanjanzi Kostituzzjonali**

Il-bazi tat-talba tar-rikorrent hi li fil-proceduri ghat-tnehhija tac-cittadinanza tieghu hu ma nghatax smigh xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali u lanqas inghata access ghall-Qorti fid-determinazzjoni tad-dritt tieghu tac-cittadinanza kif ukoll li gie lez id-dritt tieghu ghall-familja.

**FATTI**

Bhala fatti jirrizulta li r-rikorrenti zzewweg civilment lil Miriam Psaila, cittadina Maltija fit-18 ta’ Novembru 1993 u bir-rit kattoliku fis-26 ta’ Frar 1994 u gie registrat bhala cittadin ta’ Malta fid-19 ta’ April, 1994. Minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu tifel li huwa cittadin Malti. Wara xi snin, iz-zwieg tar-rikorrenti ma’ Psaila gie annullat skond sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-16 ta’ Jannar 1998 u r-rikorrent baqa’ jghix Malta bhala cittadin Malti. Fit-30 ta’ Gunju 2003 ir-rikorrenti zzewweg lil Vitalina Askenova, persuna b’cittadinanza Russa u applika biex martu takkwista *exempt person status,* liema stat gie moghti. Minn dan iz-zwieg ir-rikorrenti kellu zewgt itfal li twieldu Malta f’Jannar 2004 u Novembru 2005 rispettivament u ghalhekk ghandhom cittadinanza Maltija u huma forniti b’passaport Malti. Fis-sena 2006 inbdew proceduri kontrih biex inehhulu c-cittadinanza Maltija. Hu kien deher quddiem Kumitat ta’ Nkjesta li nvestiga il-kaz tieghu. Wara li nghalqu l-proceduri quddiem dan il-kumitat huwa rcieva ittra mid-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta’ l-Expatriates fit-2 ta’ Awissu 2007 fejn gie infurmat illi l-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern tah ordni li r-rikorrenti kien tnezzgha mic-cittadinanza Maltija tieghu mmedjatament. Ir-rikorrent ilu jghix Malta ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena.

**Konsiderazzjonijiet**

**L-inapplikabilita' ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 39 tal-Kostituzzjoni.**

L-intimati jsostnu li l-ghoti jew tnehhija ta' cittadinanza mhumiex drittijiet li johorgu minn jew li huma protetti mill-Konvenzjoni Ewropeja. Huma jirreferu ghal kaz **Family K and W v the Netherlands (Application No 11278/84)** fejn jinghad li *'It is true that no right of an alien to enter or to reside in a particular country is as such guaranteed by the Convention'.*

Huwa veru li fil-lista ta' drittijiet u libertajiet li dwarhom l-istati firmatarji obbligaw ruhhom taht l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jharsu dawn id-drittijiet fit-territorju taghhom imkien ma jissemma **id-dritt** ta' l-ghoti jew it-tnehhija tac-cittadinanza. Izda l-kazi citati mill-intimati fin-nota taghhom dawn qed jitkellmu dwar '*aliens'* mentri f'dina l-kawza l-kaz huwa dwar tnehhija ta' cittadinanza u mhux tkeccija ta' persuna li mhix cittadina. Ir-rikorrent hu cittadin malti li akkwista jeddijiet u obbligazzjonijiet civili li se jigi deprivat minnhom.

**L-intimati jirritjenu wkoll li taht l-artikolu 6 kwistjonijiet dwar cittadinanza ma jikkawlifikawx bhala 'dritt jew obbligu civili'**

L-intimati jsostnu li materja li tirrigwarda cittadinanza hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifikax bhala '*civili right or obligation'* ai fini ta' l-artikolu 6. Ghalhekk id-decizjoni ta' l-intimat Vici Prim Ministru ma tiffigurax fil-parametri ta' l-artikolu 6 billi hija materja ta' dritt pubbliku. Hawn l-intimati ghamlu riferenza ghal dak li jghidu l-awturi, Harris, Boyle and Warbrick (page 174) li "*Rights and obligations in public law (eg concerning nationality are not 'civil' rights and obligations, so that Article 6 does not apply to their determination'*. (Ringeisen v Austria(1971) u Konig vs FRG (1978)

Ir-rikorrent issottometta li meta hu sar cittadin Malti, hu akkwista jeddijiet u obbligazzjonijiet civili li jincidu fuq dina

c-cittadinanza ghalhekk l-ordni tal-Ministru ma tistax tiqies bhala semplici kwistjoni ta' dritt pubbliku. Isostni li l-Qorti Ewropeja kienet lesta li testendi l-protezzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni anke ghal persuni mhux cittadini u li mill-gurisprudenza ta' Strasbourg jidher li l-Qorti ma teskludiex il-fatt li t-tnehhija tac-cittadinanza u t-tkeccija ta' persuna minn pajjiz jistghu jaghtu lok ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali protetti mill-Konvenzjoni, u dan mhux ghax id-dritt ta' cittadinanza huwa direttament protett izda ghaliex il-mod ta' kif l-ghotja jew it-tnehhija tac-cittadinanza jigu adoperati jincidu fuq drittijiet ohra li tgawdi kull persuna li tinsab fit-territorju ta' l-istat membru.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qed jallega li meta hu gie mcahhad mic-cittadinanza Maltija dan effettwa serjament id-dritt tieghu ghal-hajja privata u familjari ghax inholqot barriera bejnu u l-mara u uliedu li bhala cittadini maltin jistghu liberament jghixu hawn Malta.

Bhala principju l-Konvenzjoni thalli f'idejn l-istati membri kif jirregolaw l-ghoti u t-tnehhija tac-cittadinanza. Izda l-Qorti Ewropeja accettat li ghalkemm ma hemm ebda dritt ghac-cittadinanza fil-konvenzjoni, it-tnehhija arbitrarja ta' cittadinanza, f'certi cirkostanzi tista' tammonta ghall interferenza tad-dritt ghal familja taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropeja ghalhekk irriservat possibilita' zghira ta' ezami ta' tnehhija ta' cittadinanza taht l-artikolu 8 tal-konvenzjoni.

Fil-kaz Karassev v Finland 12/1/1999 l-Qorti Ewropeja qalet li:

"*Although the right to a citizenship is not as such guaranteed by the Convention or its protocols, <u>an arbitrary denial</u> of a citenzship might in certain circumstances raise an issue under Article 8 because of the impact of such a denial on the private life of the individual*".

Fil-kaz in ezami ghalhekk il-Qorti trid tezamina jekk id-decizjoni tal-Ministru kienitx wahda arbitrarja jew tali li tista tqajjem kwistjonijiet taht l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Hu

wara dan l-ezami biss li dina l-Qorti tkun tista' definitivament tiddeciedi jekk l-artikolu 6 japplikax jew le.

Dwar l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, dan m'ghandux esiztenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma' disposizzjonijiet ohra ta' l-istess konvenzjoni. Ghalhekk il-Qorti l-ewwel trid tezamina jekk ir-rikorrent ghandux dritt taht il-Konvenzjoni.

**DECIZONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi li
Billi fic-cirkostanzi jista' japplika l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni
Tiddifferixxi l-kawza biex il-partijiet igibu provi dwar jekk f'dan il-kaz inkisirx l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.
Spejjez riservati ghad-decizjoni finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------